# Kunsill Lokali Gżira

283/1 Triq D'Argens, Gżira
Tel 21341034, Fax 21341616

Ref Nru: Klg5/A16-08

25 ta’ Marzu 2008

**Avviż tal-Laqgħa Nru K5/16**

Ser issir laqgħa tal-Kunsill, nhar **il-Ħamis 27 ta’ Marzu 2008, fl-4.00 p.m.** fl-uffiċċju tiegħu, 283/1 Triq D'Argens, Gzira.

1. Qari u Approvazzjoni tal-Minuti
2. Materji Konnessi
3. Korrispondenza
4. Approvazzjoni ta’ *Request Sheets*
5. Jum il-Gżira
6. Iljieli Sajfin
7. *Computer Courses* – Approvazzjoni
8. *Activities Centre – Update*
9. *Resurfacing Housing Estate* – Approvazzjoni ta’ ħruġ ta’ Kwotazzjonijiet
10. *Performance Bonus* – Approvazzjoni
11. Affarijiet Oħra
12. Laqgħa Oħra

Il-Pubbliku jista' jattendi għall-laqgħa skond il-líġi tal-Kunsilli Lokali Att XV ta' l-1993.

Dott. Chris Bonett B.A. LL.D.
Sindku

Rowena M. Borg B.A. Dip Mgmt M.I.M.
Segretarju Eżekuttiv

# Kunsill Lokali Gżira

29 t' April 2008

Ref Nru.Klg5/016

Minuti tal-laqgħa Nru.Klg5/16 li saret il-Ħamis 27 ta' Marzu 2008.

Il-Kunsill iltaqa' fl-Uffiċċju tiegħu 283/1 Triq D'Argens Gżira fl-4.00 p.m.

Preżenti

Ħames membri li kienu s-Sindku Chris Bonett, il-Viċi-Sindku Dunstan Attard, il-Kunsillieri Anthony Abela, Malcolm Camilleri u Ian Micallef flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv Rowena M. Borg u d-D/Segretarju Eżekuttiv Marion Monaco.

**Skużat:**

Il-Kunsillier Joseph Camilleri.

***Chairman***

Is-Sindku Chris Bonett ppreseda l-laqgħa

**Agenda**

Il-Kunsill mexa fuq l-avviż li ħareġ fil-25 ta' Marzu 2008.

Iċ-*Chairman* talab li ssir minuta silenzju għar-ruħ il-Kunsillier Albert Rizzo li miet fid-29 ta' Frar 2008.

## 1. Qari u Approvazzjoni tal-Minuti

**1.1.** Il-minuti tal-laqgħa li saret il-Ħamis 28 ta' Frar 2008, ttieħdu bħala moqrija u ċ-*Chairman* stieden lill-Kunsillieri jressqu l-korrezzjonijiet tagħhom.

Minħabba li ma kienx hemm korrezzjonijiet, il-minuti ġew approvati unanimament mill-Kunsill b'mozzjoni mressqa miċ-*Chairman*, ssekondata mill-Viċi-Sindku, Dunstan Attard.

## 2. Materji Konnessi

**2.1.** re paġna Nru. 2 para 1.2. Il-Kunsillier Ian Micallef qal, li fl-opinjoni tiegħu, ma kienx jaqbel mal-kjarifika li ressaq iċ-*Chairman* fil-laqgħa tat-28 ta' Frar 2008, b'referenza għan-nuqqas tal-preżenza tiegħu fil-laqgħa tas-7 ta' Frar 2008. Matul dik il-laqgħa jiġifieri, tas-7 ta' Frar 2008, hu kien ċempel aktar minn darba li kien ser jittardja xi ftit pero' s-seduta kienet bl-appell u kien hemm ammont ta' xhieda li riedu jinstemgħu iżda dan ma kienx iffisser li ma riedx jattendi għall-laqgħa u għalhekk ma jaqbilx li jitnizzel assenti u mhux skużat. Huwa kompla jgħid, li l-affarijiet kienu qed isiru minn wara dahru għaliex il-Kunsill missu kellu ddiċenza li jinfurmah qabel ma ssir il-korrezzjoni meta l-Kunsill kien infurmat li hu ma setax jattendi għall-laqgħa tat-28 ta' Frar 2008 tant, li kien skużat.

Iċ-*Chairman* qal, li hu kien infurmat li l-Kunsillier Ian Micallef kien ser jattendi għall-laqgħa u l-Kunsill kien qed jagħmel kollox bil-miftuħ. Huwa kompla jgħid, li l-laqgħa tipprova ssir meta kulħadd jista' jkun preżenti u ma kienx ser jaċċetta li l-Kunsillier hawn fuq msemmi jgħid li l-Kunsill ma kellux id-diċenza li jinfurmah qabel u kien qed jagħmel affarijiet minn wara dahru.

Il-Kunsillier Ian Micallef qal, li l-prassi hi, li meta Kunsillier ma jattendix għall-laqgħa minħabba raġuni ta' xogħol, jiġi mnizzel skużat.

Il-Kunsillier Malcolm Camilleri kkonferma li l-Kunsillier hawn fuq msemmi kien ċempel anke lilu biex jgħidlu li kien ser jittardja.

Iċ-*Chairman* qal, li jekk il-Kunsillieri ma jsibux oġġezzjoni, terġa' ssir korrezzjoni u jitnizzel skużat.

Wara diskussjoni qasira, l-Kunsill qabel unanimament b'mozzjoni mressqa miċ-*Chairman*, ssekondata mill-Kunsillier Malcolm Camilleri li l-Kunsillier Ian Micallef jitnizzel skużat fil-laqgħa tas-7 ta' Frar 2008.

**3. Korrispondenza**

**3.1.** Ġiet ppreżentata l-korrispondenza li kienet waslet sas-27 ta' Marzu 2008 kif ukoll, ingħatat l-informazzjoni ta' laqgħat u stedin li l-Kunsill għandu ffissati għall-ġranet li ġejjin.

**3.2.** Inqraw l-ittri li rċevejna u dawk li ntbagħtu fosthom,

**3.3.** Tressqu tlett kwotazzjonijiet dwar iż-żebgħa tar-ramel biex issir manutenzjoni fix-Xatt li kienu:

Stardelta – Toolbox – Pace & Mercieca

Wara diskussjoni qasira, l-Kunsill qabel unanimament b'mozzjoni mressqa miċ-*Chairman*, ssekondata mill-Kunsillier Anthony Abela li l-kwotazzjonijiet jinżammu *on hold* u l-Kunsill jikteb lill-Awtorita' tat-Turiżmu sabiex jara jekk hemmx il-possibbilita' li xogħol ta' manutenzjoni fix-Xatt isir mill-Awtorita' hawn fuq msemmija kif ukoll, jekk jistax isir il-ħasil tal-*promenade* mill-istess Awtorita' matul ix-xhur tas-Sajf bħal ma sar fis-Sajf preċedenti.

**3.4.** Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet sitt kwotazzjonijiet għall-*Rubber Speed Moderators* li kienu:

UniKing – Conmal – Koptasin – Mario Mallia – M-Quip – Guillaumier

Wara diskussjoni qasira, l-Kunsill qabel unanimament b'mozzjoni mressqa miċ-*Chairman*, ssekondata mill-Kunsillier Anthony Abela, li tintagħżel id-ditta UniKing bil-prezz ta' €479.88 (4.54 metres) u €374.18 (3.54 metres) liema prezzijiet jinkludu l-materjal, l-installazzjoni u l-VAT. Il-prezz globali huwa ta' €2188.00.

Ir-*Rubber Speed Moderators* ser isiru f'dawn it-toroq:

| | |
|---|---|
| Triq Madonna tal-Ġebla | 4.54 metri |
| Triq Ponsonby | 4.54 metri |
| Triq San Albert | 4.54 metri |
| Triq Carlo Manche' | 3.54 metri |
| Triq Luqa Briffa | 3.54 metri |

**3.5.** Il-Kunsill ġie nfurmat li l-elezzjoni każwali sabiex jimtela l-post tal-Kunsillier Albert Rizzo kienet ser issir fis-7 t'April 2008 fl-12.00 p.m.

**3.6.** Il-Kunsill kien irċieva *e-mail* mis-Sur D'Amicis – Squisitezze fejn ikkonferma li tiġi nstallata l-*U-shape barrier* kif ukoll, li kien ser jagħmel il-ħlasijiet neċessarji.

Is-Segretarju Eżekuttiv ġibdet l-attenzjoni tal-Kunsill li għalkemm l-ittra lil *Marcon Fashion Maze* kienet intbagħtet fl-4 ta' Marzu 2008, sa dak in-nhar il-Kunsill kien għadu ma rċieva ebda ħlas.

**3.7.** Il-Kunsill ma sab ebda oġġezzjoni għat-talba ta' *Reserved Parking* li saret minn Carmelina Cachia – 6 Helena Apts Triq Luqa Briffa u Rita Borg – 3 Ideal Flats Triq Sir Ugo Mifsud.

**3.8.** Il-Kunsill qabel unanimament li d-ditta Multivend Services Limited għandha tibgħat *site plan* għat-talba tagħha biex tiġi nstallata *loading/unloading bay* fi Triq ix-Xatt quddiem Expect Ltd ex HSBC.

**3.9.** Rigward it-talba li saret mill-Kummissjoni Nazzjonali Persuni b'Diżabilita' li ssir *Reserved Parking* għall-persuni bi bżonnijiet speċjali quddiem il-Knisja, l-Kunsill reġa' kkonferma d-deċiżjoni tal-laqgħa preċedenti kif ukoll, inħatar Kumitat li ċ-*Chairman* għandu jkun il-Kunsillier Joe Camilleri u l-Kunsillieri Malcolm Camilleri u Anthony Abela bħala membri sabiex jiġi rivedut kemm t-*traffic management* kif ukoll il-parkeġġ f'din l-*area*.

**3.10.** Il-Kunsill qabel unanimament li jiġu nstallati żewġ *signs* wieħed fi Triq Sliema fid-direzzjoni ta' Triq Nazju Ellul faċċata ta' ĠuĠu *Confectionery* u ieħor fil-kantuniera ta' Triq Willie Arena ma' Triq Edgar Bernard fid-direzzjoni taċ-*Chamber College.*
Il-Kulleġġ għandu jħallas l-ispejjeż kollha relatati ma' dawn is-*signs* kif ukoll, jinforma lill-Kunsill meta dan ix-xogħol ikun ser isir.

**3.11.** Rigward *e-mail* mibgħuta minn Elmo Insurance dwar *sign pole* li waqa' fuq vettura, l-Kunsill qabel unanimament mas-suġġeriment li għamel il-Viċi-Sindku li mingħajr preġudizju l-Kunsill jirċievi l-informazzjoni kollha relatata mal-każ, fejn turi prova ċara li l-Kunsill Lokali kien responsabbli għad-danni sostenuti.

**3.12.** Il-Kunsill iddeċieda unanimament li jitlob lis-Sur Michael Stivala – Hotel Bayview, kopja tar-regolamenti li jispeċifikaw li l-*assembly point* trid tiġi nstallata faċċata ta' l-entratura prinċipali tal-lukanda.

**3.13.** Dwar il-kont tad-dawl u ilma datat 26 ta' Frar 2008, li fih il-Korporazzjoni qiegħda ssostni li l-Kunsill Lokali għandu jħallas l-ammont ta' €31,416.96 għall-użu ta' dawl u ilma fil-Ġnien Kunsill ta' l-Ewropa għall perjodu bejn is-26 ta' Mejju 1992 u t-18 ta' Jannar 2008, il-Kunsill kien kiteb lill-Korporazzjoni hawn fuq msemmija fejn talab aktar informazzjoni rigward il-konsum u l-valur tal-kontijiet fuq bażi annwali mill-ewwel sa l-aħħar ta' kull sena kalendarja mit-8 ta' Marzu 2000 (minn meta l-Kunsill ha d-devoluzzjoni tal-Ġnien) sat-18 ta' Jannar 2008.

Inqrat ir-risposta mibgħuta bl-*e-mail* fejn il-Kunsill intalab iħallas għas-snin 2006, 2007 u sa l-aħħar kont li ħareġ jiġifieri Jannar 2008 liema kont kien jammonta għal €5,796.12.

Wara diskussjoni qasira, l-Kunsill qabel unanimament b'mozzjoni mressqa miċ-*Chairman*, ssekondata mill-Viċi-Sindku li jibda jitħallas dan il-kont minn April 2008, f'pagament annwali ta' €1,200.00 mingħajr interessi.

**3.14. Rapport tal-Perit**

Tqassmet kopja ta' l-estimi tal-pavimentar tal-Ġnien, lill-Kunsillieri kollha.

Il-Kunsillier Ian Micallef qal, li fl-opinjoni tiegħu, l-Kunsill għandu jagħżel *lava pavers,* jitqies il-proġett kollu u l-Perit joħroġ estimi ta' kollox u jagħti l-impressjoni tiegħu, biex il-Ġnien jkollu dik id-dehra li tixraqlu

Il-Viċi-Sindku qal, li hu kien jaqbel ma' l-opinjoni tal-Kunsillier Ian Micallef, minħabba l-fatt, li l-Ġnien huwa l-uniku *asset* li għandha din il-lokalita', pero' l-Kunsill irid joqgħod attent għaliex parti mill-Ġnien kienet ser tiġi kostruwita minħabba l-*Link Road.* Huwa kompla jgħid, li f'dan l-istadju kien jagħżel l-*external grade Terrazzo pavers*.

Matul id-diskussjoni li saret il-Kunsill qabel unanimament b'mozzjoni mressqa miċ-*Chairman* ssekondata mill-Kunsillier Anthony Abela li l-pavimentar issir bit-*Terrazzo Pavers* għall-ammont ta' €29,117.17 (Lm12,500) biex b'hekk tkun tista' tiġi sottomessa lill-M.E.P.A. - U.I.F. u jekk xi Kunsillier għal xi raġuni jħoss li din il-materja għandha terġa' tiġi diskussa, din tittressaq fl-laqgħa oħra tal-Kunsill.

***ReSurfacing in Asphalt Gżira Housing Estate***

Rigward is-suġġett hawn fuq msemmi, reġa' ġie diskuss l-fatt li biex il-Kunsill ma joħroġx Sejħa għall-Offerti, jintbagħtu kwotazzjonijiet separati għall-parti A u B.

Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li l-Kunsill irid joqgħod attent li ma jirrepetix dak li għadda minnu fil-passat fejn, b'eżitu ta' konflitt bejn żewġ kuntratturi, kienet inħolqot problema li l-Kunsill għadu ma solviex. Dan kienet qed tgħidu, fl-eventwalita' li l-kwotazzjonijiet jintrebħu minn żewġ kuntratturi differenti kif ukoll żiedet tgħid, li l-Kunsill għandu wkoll joqgħod attent u jivverifika l-proċeduri finanzjarji f'każ li l-istess kuntrattur jirbaħ iż-żewġ kwotazzjonijiet għar-raġuni li skond l-estimi tal-Perit, ix-xogħol jaċċedi l-ammont ta' €4658.75 (Lm2000).

Għalhekk, wara diskussjoni qasira, l-Kunsill qabel unanimament b'mozzjoni mressqa miċ-*Chairman*, ssekondata mill-Kunsillier Anthony Abela li l-Perit għandu jipprepara Sejħa Għall-Offerti għall-*patching* ta' l-*area* kollha tal-*Housing Estate* u f'dan id-dokument għandhom jiġu speċifikati multi għoljin jekk kemm –il darba x-xogħol ma jitlestiex fiż-żmien stipulat fid-dokument hawn fuq msemmi.

***Drainage Problem at 118 Triq Carlo Manche'***

Saret *site inspection* mill-Perit fejn irriżulta li minħabba li l-ilma kien qed joqgħod f'dik il-parti l-aktar baxxa mill-wiċċ tat-triq u li kienet qet tifforma għadira liema wiċċ ta' triq li ried jitranġa kien circa ħames metri kwadri.

Għalhekk, il-Perit kien qed jirrakkomanda li biex tiġi eliminata din il-problema, l-wiċċ tat-triq għandu jiġi *scarified* u *resurfaced,* liema spiża hi stimata circa €200.

Wara diskussjoni qasira, l-Kunsill qabel unanimament li l-Kunsillier Anthony Abela għandu jerġa' jiddiskuti dan ir-rapport mal-Perit.

**Triq Reid k/ma' Triq ix-Xatt**

Rigward is-suġġett hawn fuq msemmi, saret *site-inspection* mill-Perit fejn irriżulta li l-kuntrattur għan-nom tad-ditta GO kien qed jgħaddi *service cables* minn fuq il-bankina ta' Triq Reid u jagħmel *crossing* wieħed minn Triq Reid għal Triq ix-Xatt mingħaj**r** ma jmiss Triq Reid. Il-ftehim mal-Kunsill kien, li kwart mill-ispejjeż li jinkludu t-*trenching of service cables* jitħallsu mid-ditta GO, waqt li tlett kwarti mill-ispejjeż għar-*reinstatement* tal-bankina kellu jitħallas mill-Kunsill. Għalhekk, mit-total ta' €461.75 VAT inkluża (tul ta' 21m bil-prezz ta' €18.64 *per linear metre)* il-Kunsill kellu jħallas 75% li hu €346.33 (Lm148.68).

Minkejja l-fatt, li d-ditta GO kienet ser taħdem fuq iż-żewġ bankini, r-*reinstatement* tal-wesgħa tal-bankina kollha kienet ser issir fuq naħa waħda biss, mal-ħajt ta' l-*O'Hea Opticians* minħabba li kellha diżlivelli u bix-xogħol mħallas biss mill-GO kienu ser jiffurmaw għadajjar ta' l-ilma meta tagħmel ix-xita.

Wara diskussjoni qasira, l-Kunsill qabel unanimament b'mozzjoni mressqa miċ-*Chairman* ssekkondata mill-Kunsillier Ian Micallef mal-ħlas ta' €346.33.

**Triq Samuel Taylor Coleridge**

Inqara r-rapport mibgħut mill-Perit dwar is-suġġett hawn fuq msemmi mis-Segretarju Eżekuttiv.

Wara diskussjoni qasira, l-Kunsill qabel unanimament b'mozzjoni mressqa miċ-*Chairman*, ssekondata mill-Kunsillier Ian Micallef li niktbu lill-Perit biex jammenda r-rapport u jinkludi anke Triq Belvedere sabiex dan ir-rapport flimkien m' ittra jiġu sottomessi lill-Ministru konċernat mit-toroq, minħabba li dawn it-toroq kienu jaqgħu taħt l-iskema ta' Bini ta' Toroq Residenzjali 2006-2008.

**3.15. *Insurance***

Tressq għall-approvazzjoni tal-Kunsill id-dokument mibgħut mill-*Aon Insurance Brokers.*

Wara diskussjoni qasira, l-Kunsill qabel unanimament b'mozzjoni mressqa miċ-*Chairman*, ssekondata mill-Kunsillier Malcolm Camilleri li tiġġedded l-*insurance* eżistenti għal sena oħra.

**3.16.** Inqrat ittra datata 3 ta' Marzu 2008, mibgħuta mid-Dipartiment tas-Saħħa Primarja, għall-mistoqsija li kien għamel il-Viċi-Sindku fil-laqgħa li saret fid-29 ta' Jannar 2008, dwar il-ħinijiet tal-ftuħ taċ-Centru tas-Saħħa, fejn il-Kunsill ġie nfurmat li ma kien hemm ebda forma ta' tibdil u għaldaqstant iċ-Ċentru tas-Saħħa kien ser jiftaħ fl-istess ħinijiet ta' qabel.

**3.17.** Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat, li kopja tal-korrispondenza kienet disponibbli.

## 4. Approvazzjoni ta' *Request Sheets*

**4.1.** Tressqu r-*Request Sheets* minn Nru. 512 sa Nru. 546 (ara *Appendix* Nru.1) għall-approvazzjoni tal-Kunsill biex b'hekk ikun jista' jsir il-ħlas tal-kontijiet pendenti jew jiġu riżervati ammonti ta' flus mill-*budget*.

**4.2.** Wara li saru xi kjarifiki mill-Kunsillieri, r-*Request Sheets* minn Nru. 512 sa Nru. 546 ġew approvati unanimament mill-Kunsill b'mozzjoni mressqa miċ-*Chairman*, ssekondata mill-Kunsillier Anthony Abela.

## 5. Jum il-Gżira

**5.1.** Rigward is-suġġett hawn fuq msemmi, l-Viċi-Sindku qal, li hu kien tkellem mal-Kunsillier Malcolm Camilleri minħabba l-fatt, li l-Banda Mount Carmel Gżira kienet ser tagħlaq sittin sena anniversarju u għalhekk kien qed jipproponi, li l-attivitajiet isiru bejn il-5 u l-11 ta' Mejju 2008.

Il-programm imħejji minnu kien hekk:

| | | |
|---|---|---|
| Tnejn | 5 ta' Mejju 2008 | Żjara lill-Anzjani fil-lokalita' |
| Tlieta | 6 ta' Mejju 2008 | Żjara lill-Anzjani f'San Vinċenz |
| Erbgħa | 7 ta' Mejju 2008 | Attivita' fil-Librerija Pubblika Gżira |
| Ħamis | 8 ta' Mejju 2008 | Tqiegħid tal-Bust ta' William Apap |
| Ġimgħa | 9 ta' Mejju 2008 | |
| Sibt | 10 ta' Mejju 2008 | Kunċert mill-Banda Mount Carmel Gżira |
| Ħadd | 11 ta' Mejju 2008 | Quddiesa ta' Ringrazzjament |

Huwa kompla jgħid, li l-Kumitat tal-Banda wara l-kunċert kien ser jagħmel riċeviment għall-Għaqdiet kif ukoll, il-programm jiġi nkluż fil-ħarġa li jmiss ta' l-impenn.

Wara diskussjoni qasira, ġie deċiż li l-Kunsill jkellem lis-Sur Joseph Spiteri biex tiġi kkunsidrata xi għajnuna għall-ispejjeż tar-riċeviment kif ukoll, li nikkuntattjaw lill-Perit dwar il-pedestal biex jekk jista' jkun dan ikun lest sa l-ewwel ġimgħa ta' Mejju 2008.

Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet għall-approvazzjoni tal-Kunsill, il-pjanta tal-pedestal ta' fejn kien ser jitpoġġa l-bust ta' William Apap, mħejjija mill-Perit tal-Kunsill.

Il-Kunsill qabel mal-pjanta tal-Perit.

Iċ-*Chairman* xtaq li l-Kunsillieri jressqu xi nominazzjonijiet għall-Anzjan tas-Sena.

## 6. Iljieli Sajfin

**6.1.** Il-Viċi-Sindku kien qed jipproponi li jerġgħu jsiru Iljieli Sajfin fix-Xatt bħal ma sar is-sena li għaddiet. Huwa kompla jgħid, li kien ikkuntattja lis-Sur David Grasso fejn dan ta' l-aħħar kien lest li jipprovdi l-mużika waqt dawn is-serati bl-istess prezz tas-sena l-oħra u tingħata serata mingħajr ħlas. Jekk il-Kunsill jiddeċiedi fl-affermattiv, kien qed jitlob is-somma ta' madwar €699.00 (Lm300.00).

Huwa qal ukoll, li kienet intbagħtet ittra mill-Kunsill lill-Lukandi u entitajiet kummerċjali li hemm fix-Xatt għal xi għajnuna finanzjarja għal dawn l-attivitajiet.

Wara diskussjoni qasira, l-Kunsill qabel unanimament b'mozzjoni mressqa miċ-*Chairman*, ssekondata mill-Kunsillier Malcolm Camilleri ma' dak li ppropona l-Viċi-Sindku u man-nefqa ta' madwar €699.00 (Lm300.00).

## 7. *Computer Courses* – Approvazzjoni

**7.1.** Wara li l-Kunsill kien qabel mas-suġġeriment li għamel il-Viċi-Sindku fil-laqgħa preċedenti, jiġifieri li l-*courses* isiru fuq skema ta' erba' xhur u jintalab aktar *discount*, il-Viċi-Sindku qal, li kien reġa' ltaqa' mas-Sur Robert Mifsud rappreżentant tal-*Malta Institute for Computer Sciences* fejn ġie deċiż li jingħata l-*basic course* (ħamsa u ħamsin lezzjoni) fuq skema ta' erba' xhur għall-ammont ta' €39.60 (Lm17.00) u l-Kunsill ngħata 5% *discount* addizzjonali fuq il-korsijiet l-oħra.

Il-Kunsill qabel unanimament ma' dak li qal il-Viċi-Sindku b'mozzjoni mressqa miċ-*Chairman*, ssekondata mill-Kunsillier Malcolm Camilleri.

## 8. *Activities Centre – Update*

**8.1.** Iċ-*Chairman* qal li l-Kunsillier Joe Camilleri kellu jagħti rendikont tas-suġġett hawn fuq msemmi iżda ma setax jattendi għall-laqgħa minħabba li kien l-isptar.

**8.2.** Il-Viċi-Sindku ta' rendikont ta' dak kollu li kien ġie diskuss waqt il-laqgħa li saret fis-7 ta' Frar 2008, rigward is-suġġett hawn fuq msemmi minħabba l-fatt, li l-Kunsillier Ian Micallef ma kienx preżenti minħabba mpenn ta' xogħol.

Is-Segretarju Eżekuttiv qrat *e-mail* li kienet waslet dak in-nhar stess tal-laqgħa jiġifieri fis-27 ta' Marzu 2008, minn Dott. S. Buontempo fejn id-ditta D'Aniens Development wara li l-Kunsill talab prezz tal-kera biex tittieħed l-*area* kollha jiġifieri 215 metri kwadri u mhux biss l-*area* ta' 120 metri kwadri.

Id-ditta hawn fuq msemmija kienet qed toffri dawn iż-żewġ fondi li flimkien jinfirxu fuq *gross area* ta' circa 215 metri kwadri għall-prezz ta' €37.27 (Lm16) kuljum eskluż il-VAT,konsegwentament iċ-ċens annwu fuq iż-żewġ fondi ser isir ta' €349.41 (Lm150).

Il-Kunsillier Ian Micallef qal, li din id-deċiżjoni kienet ser tbiddel is-sottomissjoni u fl-opinjoni tiegħu, għandha tinħareġ Sejħa Għall-Offerti oħra minħabba l-fatt, li għalkemm fis-sottomissjoni tat-*tender* kienet imsemmija l-*area* ta' 95 metri kwadri, ma kienx ingħata prezz għaliha u għalhekk il-Kunsill ma setax jitolbu wara l-ftuħ tat-*tender* għaliex b'hekk ikun qed jgħolli l-prezz u l-Kunsill jista' jinnegozja biss biex ibaxxi s-sottomissjoni oriġinali għall-vantaġġ tal-Kunsill.

Il-Viċi-Sindku qal, li kien hemm żewġ *options*;

i jiġi kkonfermat il-prezz ta' €25.62 (Lm11) kuljum VAT inkluża u €232.94 (Lm100) ċens annwu għal 120 metri kwadri

ii tinħareġ Sejħa Għall-Offerti oħra.

Il-Kunsillier Ian Micallef talab jara kopja tal-*Letter of Acceptance* li ntbagħtet lid-ditta D'Aniens u qal, li jekk il-Kunsill jiddeċiedi fuq 123 Triq Cameron, il-Kunsill irid ikun ċert li jagħlaq l-offerta li saret u jirtira l-*Letter of Acceptance* mibgħuta lid-ditta hawn fuq msemmija. Huwa kompla jgħid, li jekk 120 metri kwadri kienet ser tkun problema, lanqas il-post ta' 123 Triq Cameron ma kienx ser ikun addattat.

Wara diskussjoni qasira, l-Kunsill qabel unanimament b'mozzjoni mressqa miċ-*Chairman*, ssekondata mill-Kunsillier Ian Micallef li terġa' tinħareġ Sejħa Għall-Offerti oħra.

**9. *Resurfacing Housing Estate* – Approvazzjoni ta' ħruġ ta' kwotazzjonijiet**

**9.1.** Din il-materja ġiet diskussa waqt *item* Nru.3 Korrispondenza fir-rapport tal-Perit.

**10. *Performance Bonus* - Approvazzjoni**

**10.1.** Iċ-*Chairman* qal, li wara li kien tkellem ma' uħud mill-Kunsillieri kif kien ġie deċiż fil-laqgħa tat-28 ta' Frar 2008, kien qed jipproponi li jingħata 10% *Performance Bonus* lis-Segretarju Eżekuttiv.

Il-Kunsill qabel unanimament b'mozzjoni mressqa miċ-*Chairman*, ssekondata mill-Kunsillier Ian Micallef.

## 11. Affarijiet Oħra

**11.1.** Il-Kunsillier Anthony Abela ta rendikont tal-laqgħa li kellu fl-24 ta' Marzu 2008 dwar l-introduzzjoni tas-separazzjoni ta' l-iskart fejn fost affarijiet oħra, l-boroż kellhom jinġiebu l-Kunsill sabiex jitqassmu lir-residenti. Huwa kompla jgħid, li din is-sistema għada ma kienitx kkonfermata u l-ostakoli li jinqalgħu għandhom jiġu rrapurtati lill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali.

Is-Segretarju Eżekuttiv qalet, li hi kienet diġa bdiet ix-xogħol preparattiv li kien qed jieħu ħsiebu Samuel Busuttil.

**11.2.** Il-Kunsill qabel unanimament b'mozzjoni mressqa miċ-*Chairman*, ssekondata mill-Kunsillier Ian Micallef li kemm kotba kif ukoll novelli bil-Malti għall-Librerija Pubblika, jinxtraw mid-ditta PEG.

## 12. Laqgħa Oħra

**12.1.** Peress li ma kienx hemm affarijiet oħra, l-laqgħa ntemmet fis-6.45 p.m.

| | |
|---|---|
| Dott. Chris Bonett LL.D. | Rowena M. Borg B.A. Dip Mgmt M.I.M. |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiiv |

Gzira Local Council

**Ref No: K108/119/08**

**March 2008 KLG5/16**

| R/Sheet No: | Description | Value € | Chq No: |
|---|---|---|---|
| 512 | Rent from 08.03.2008 to 07.03.2009 Ġnien Kunsill ta' L-Ewropa | 232.94 | 5344 |
| 513 | GO plc invoice 20248198 Tel No: 21341616 Calls Feb Rent March 2008 | 25.12 | 5325 |
| 514 | GO plc invoice 20248185 Tel No: 21334254 21341034 Calls Feb Rent March 2008 | 64.61 | 5326 |
| 515 | GO plc invoice 20249147 Tel No: 21322157 Calls Feb rent March 2008 | 234.90 | 5329 |
| 516 | Squire Bookshop invoice 6386 Stationery | 21.56 | 5345 |
| 517 | Squire Bookshop inv 6397 N/papers Feb 08 | 30.12 | 5346 |
| 518 | Dr. Ed. Woods Legal Advisor Jan/Feb/March 08 | 494.76 | 5347 |
| 519 | M. Magro Conti – Accountant Jan/Feb/March 08 | 419.29 | 5348 |
| 520 | A. Portelli C/Manager Jan/Feb/March 08 | 745.42 | 5340 |
| 521 | Mario Mallia inv.264 Traffic Mirror 60 cm Rue D'Argens c/w Manoel de Vilhena | 85.87 | 5349 |

| | | | |
|---|---|---|---|
| 522 | **Conmal Ltd inv.1197 Maint Ponsonby c/w Manche' – 58 Triq Giacint Tua free** | **39.60** | **5350** |
| 523 | **Conmal Ltd inv.1199 U-shape Barrier in Victory Street** | **44.26** | **5351** |
| 524 | **Conmal Ltd inv.1200 Maint bozoz** | **23.76** | **5352** |
| 525 | **Conmal Ltd inv.1215 bozza 39/40 Triq San Gorg** | **23.30** | **5353** |
| 526 | **Environmental Landscapes Consortium inv. 3783 soft areas February 2008** | **2212.93** | **5354** |
| 527 | **C.S.D. Office Trade inv.20018 Stationery Computer** | **53.32** | **5355** |
| 528 | **G45 (Malta) Ltd inv.24587 4 Trips Feb 08 Cash in Transit** | **30.26** | **5356** |
| 529 | **Water Services inv. 10043497-4 from 04.10.07 to 08.01.08 Promenade Gardens Triq ix-Xatt** | **335.12** | **5357** |
| 530 | **Jamin Galea inv.dtd 26.11.07 design Impenn Nov/Dec 2007** | **412.30** | **5358** |
| 531 | **Bitmac Works – 28.02.08 5 Sacks Asphalt 19.25** | **5291** | |
| 532 | **Bitmac Works – 07.03.08 7 Sacks Asphalt 26.95** | **5327** | |
| 533 | **GO plc Stainless Steel Bubble Telephone Booth – Housing Estate** | **745.60** | **5328** |
| 534 | **I.T.S. Sage Pastel Partner Multi Currency paid 50% on Order €135.70 chq 5310** | **271.40** | **5310<br>5364** |
| 535 | **The Toolbox inv. Nos: 7168/7228** | **13.66** | **5359** |
| 536 | **Melita Cable plc inv.24901573 – 01.03.08 30.04.08** | **23.30** | **5360** |

| | | | |
|---|---|---|---|
| 537 | Melita Cable plc inv. 24922242 Calls 08.02 to 07.03.08 Hello Service 08.03 to 07.04.08 | 127.82 | 5361 |
| 538 | Koperattiva Tabelli u Sinjali inv.8904 Traffic Job No: 7080 Traffic Signs | 22.13 | 6362 |
| 539 | Koperattiva Tabelli u Sinjali inv.8832 Job No: 7586 Road Markings | 184.01 | 5363 |
| 540 | Mr. Emanuel Mifsud inv.2397627 Door to Door Collection March 2008 | 5590.50 | 5333 |
| 541 | Mr. Emanuel Mifsud inv.2397628 Hire of Skips March 2008 | 432.87 | 5334 |
| 542 | Mr. Emanuel Mifsud inv.2397629 Bulky Serv. for the month of February 2008 | 602.14 | 5335 |
| 543 | Mr. Emanuel Mifsud inv.2397630 Public Convenience for the month of Feb. 2008 | 836.06 | 5336 |
| 544 | Steve R. Farrugia inv.No: 1 Street Sweeping Sundays February 2008 | 378.52 | 5337 |
| 545 | Steve R. Farrugia inv.No: 2 Street Sweeping Grass Cutting Mechanical Sweeper Feb 08 | 4759.72 | 5338 |
| 546 | Mr. Joe Borg inv.87 Spejjeż re papri March 08 | 46.59 | 5339 |

## Quotation for Rubber Speed Moderators Phase 2

| Council Requirements | Council Measurements | Supplier | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | UniKing | | Conmal | Koptasin | Mario Mallia | M-Quip | Guillaumier |
| | | RSM-G10 | RSM-SH03 | | | | | |
| Madonna Tal-Gebla | 4.5m | | | | | | | |
| Ponsomby Street | 4.5m | | | | | | | |
| St. Albert Street | 4.5m | | | | | | | |
| Carlo Manche Street | 3.5m | | | | | | | |
| Luqa Briffa Street | 3.8m | | | | | | | |
| **Total including 18% VAT = €** | | **2,188.00** | **1,318.08** | **2,199.60** | **2,493.75** | **2,500.00** | **2,794.56** | **3,100.36** |